

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1985

tal-14 ta' Novembru 2016

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja li qed tmur għall-aġġar, tmintax-il persuna jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 147, 1.6.2013, p. 14.

## ANNEX

Il-persuni li ġejjin għandhom jizziedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 27 u 28**

**A. Persuni**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
217.	Atef Naddaf	Data tat-twelid: 1956 Post tat-twelid: Fil-kampanja ta' Damasku	Ministru għall-Edukazzjoni Għolja. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
218.	Hussein Makhoulf (magħruf ukoll bħala Makhoulf)	Data tat-twelid: 1964 Post tat-twelid: Lattakia Eks Gvernatur tal-Provinċja ta' Damasku	Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali. Maħtur f'Lulju 2016. Kuġin ta' Rami Makhoulf.	14.11.2016
219.	Ali Al-Zafir (magħruf ukoll bħala al-Dafeer)	Data tat-twelid: 1962. Post tat-twelid: Tartous	Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
220.	Ali Ghanem	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Damasku	Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
221.	Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) Ramez Tourjman (magħruf ukoll bħala Tourjuman)	Data tat-twelid: 1966 Post tat-twelid: Damasku	Ministru għall-Infommazzjoni. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
222.	Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) al-Ahmed (magħruf ukoll bħala al-Ahmad)	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Lattakia	Ministru għall-Kultura. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
223.	Ali Hamoud (magħruf ukoll bħala Hammoud)	Data tat-twelid: 1964 Post tat-twelid: Tartous	Ministru għat-Trasport. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
224.	Mohammed Zuhair (magħruf ukoll bħala Zahir) Kharboutli	Post tat-twelid: Damasku	Ministru għall-Elettriku. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
225.	Maamoun Hamdan	Data tat-twelid: 1958 Post tat-twelid: Damasku	Ministru għall-Finanzi. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
226.	Nabil al-Hasan (magħruf ukoll bħala al-Hassan)	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Aleppo	Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
227.	Ahmad al-Hamu (magħruf ukoll bħala al-Hamo)	Data tat-twelid: 1947	Ministru għall-Industrija. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
228.	Abdullah al-Għarbi (magħruf ukoll bħala al-Qirbi)	Data tat-twelid: 1962 Post tat-twelid: Damasku	Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
229.	Abdullah Abdullah	Data tat-twelid: 1956	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
230.	Salwa Abdullah	Data tat-twelid: 1953 Post tat-twelid: Quneitra	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
231.	Rafe'a Abu Sa'ad (magħruf ukoll bħala Saad)	Data tat-twelid: 1954 Post tat-twelid: Raħal Habran (provinċja ta' Sweida)	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
232.	Wafiqa Hosni	Data tat-twelid: 1952 Post tat-twelid: Damasku	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Lulju 2016.	14.11.2016
233.	Rima Al-Qadiri (magħruf ukoll bħala Al-Kadiri)	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Damasku	Ministru għall-Affarijiet Soċjali (minn Awwissu 2015).	14.11.2016
234.	Duraid Durgham		Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. Responsabbli għall-għoti ta' ap- poġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal- funzjonijiet tiegħu bħala l-Gver- natur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja, li huwa wkoll elenkat.	14.11.2016".